MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1699/1994/3

Joseph Axisa
vs
Hans Juergen u b' digriet tal-20 ta' Gunju 1995 gie korrett ghal Jurgen u Renato u b'digriet tal-20 ta' Gunju 1995 gie korrett ghal Renate konjugi Dressler

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ppremetta:

Illi bi skrittura privata datata 24 ta' Gunju 1993, l-attur gie mqabbad mill-konvenuti biex jaghmel xogholijiet fil-common areas u f'appartament f'Blossom Court, Taliana Lane, Gzira versu l-prezz komplessiv ta' Lm28,000, li minnhom il-konvenuti hallsu Lm23,500 akkont b'dan li kien ghadu dovut bilanc ta' Lm4,500.

Illi waqt l-andament ta' dawn ix-xogholijiet attur gie mqabbad jaghmel xogholijiet extra tal-valur ta' Lm512.

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma komplessiva ta' hamest elef u tnax-il lira (Lm5,012) bilanc ta' prezz ta' xogholijiet kif inghad.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-4 ta' Novembru 1994 u tal-mandat ta' impediment tas-safar tat-22 ta' Dicembru 1994 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Hans Jurgen Dressler u l-mara Renate Dressler li eccepew:

In that their names should be written as shown in the defence pleas and not as indicated in the writ of summons and the declaration of facts filed by the plaintiff and therefore a correction should be made in this sense.

The intempestivity of the action and the non fulfilment of the contract by the plaintiff in that the works that had to be completed by the 31st March 1994, were ready in part in December 1994 whilst others have not been completed to date.

With reservation to any pleas that may arise and to the right of any action for damages which the defendants may have had at their disposal in relation to the delay in the completion of works, for the inadequacy of the said works and for damages sustained.

Rat illi fl-20 ta' Gunju 1995 il-Qorti ddirigiet lill-konvenuti jaghmlu t-traduzzjoni bil-Malti tan-nota ta' eccezzjonijiet.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi b' digriet tal-20 ta' Gunju 1995 il-Perit David Pace gie nominat bhala Perit Tekniku.

Rat ir-relazzjoni peritali li tinstab minn fol 57 sa 91 tal-process, u li fiha l-Perit Arkitett ikkonkluda li:

"It-talba attrici ghaz-zieda tas-somma ta' hames mija u tnax-il lira Maltin (Lm512) mas-somma tal-bejgh ta' tmienja u ghoxrin elf lira Maltin (Lm28,000) liema somma ta' hames mija u tnax-il lira Maltin (Lm512) tirrapprezenta l-valur tax-xogholijiet maghmulha mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut illi ma kienux fil-ftehim originali ghandha tigi milqugha u b'hekk il-valur totali tal-bilanc dovut huwa ta' hamest elef u tnax-il lira Maltin (Lm5012) kif imsemmi fic-citazzjoni.

Illi in kwantu ghad-difetti lamentati mill-konvenut l-esponent isib illi fil-kaz tas-switch fl-intrata li ma giex ipprovdut fuq in-naha ta' barra, kif ukoll dwar tikhil, kisi u zebgha fil-hitan esterni u parapetti u terazzini tal-fond tal-konvenut u xoghol ta' ssigillar ta' l-ucuh madwar l-istess fond sija ghal dawk l-ucuh esterni tal-fond kif ukoll is-soqfa tieghu l-konvenut ghandu gustifikazzjoni billi x-xoghol ma sarx tajjeb u ghalhekk ghandu jigi kkumpensat tax-xoghol rimedjali illi ghamel sabiex inehhi dawna d-difetti.

Dana l-esponent jistmah fis-somma ta' elf mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm1,125) konsistenti f'hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) sabiex jitressaq is-switch hdejn il-bieb ta' barra; tmien mitt lira Maltin (Lm800) ghall-kisi, tikhil u tibjid u zebgha fl-ucuh esterni tal-fond tal-konvenut; u tlett mitt lira Maltin (Lm300) ghall-issigillar u tiswija tal-*waterproofing* madwar is-soqfa u bjut u terazzini tal-fond tal-konvenut. B'hekk allura l-attur huwa intitolat ghal hlas ta' tlett elef tmien mija u sebgha u tmenin lira Maltin

(Lm3,887) bhala bilanc mill-prezz mitlub minnu originarjament."

Rat in-nota tal-attur tat-12 ta' Jannar 2004 li biha giet esebita kopja tal-kuntratt tas-6 ta' Dicembru 1999 li permezz tieghu l-konvenut biegh il-fond ***de quo*** lil terzi persuni u dan minghajr ebda riserva. Dan hu kuntratt tas-6 ta' Dicembru 1999 fl-atti tan-nutar Dr. Remigio Zammit Pace bejn Dressler u Wes.

Rat in-nota tal-konvenut Dressler tas-27 ta' Mejju 2004 u n-nota responsiva tal-attur tal-1 ta' Gunju 2004.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Louis Theuma vs Anthony Borg** irriteniet illi: "l-appellant jilmenta, u f'dan ghandu jinghata ragun, illi l-ewwel Qorti illimitat il-gudikat taghha ghal adozzjoni tar-rapport peritali li hi ddikjarat li kienet accettabbli ghaliha taht kull aspett. F'okkazjonijiet simili kien hemm gudikati ta' din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata nulla u l-atti rimessi lill-Ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali taghha, dik li taghti motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skond l-inkarigu moghti pero' tali adozzjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b'mod sintetiku ghaliex ciononostante l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f'dan il-kaz". [Ara wkoll **PA – LFS – 22/6/04 Clive Simpson vs John Saliba noe et**]

In vista ta' dan il-Qorti ezaminat il-provi imressqa quddiem il-Perit Tekniku u kif ukoll ezaminat is-sottomissjonijiet imressqa mill-istess kontendenti. Il-Qorti ikkwotat il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-abbli Perit Tekniku u minhabba li taqbel maghhom perfettament tikkonfermahom.

Illi ghalhekk il-kaz jirreferi ghal skrittura privata tal-24 ta' Gunju 1993 fejn l-attur gie mqabbad mill-konvenuti jaghmel xogholijiet f' fond il-Gzira, u li kien fadal bilanc ta' Lm4500 u wara gie mqabbad jaghmel xogholijiet ulterjuri ghal Lm512 izda li l-konvenut baqa' ma hallasx l-ammont ta' Lm5012. Mill-konkluzjonijiet peritali jirrizulta li t-talbiet attrici huma gustifikati ghax ix-xogholijiet saru, izda irrizulta wkoll li kien hemm xi difetti u xogholijiet li riedu jsiru li jammontaw ghal Lm1125 u li ghalhekk huwa dovut mill-konvenut lill-attur is-somma ta' Lm3887.

B' riferenza ghan-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut dwar l-ewwel aspett ghall-korrezzjoni tal-isem dan sar permezz ta' digriet tal-20 ta' Gunju 1995 u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Dwar it-tieni eccezzjoni tal-intempestivita` ta' l-azzjoni ma jidhirx li din hija gustifikata ghax ma jidhirx li kien ghad hemm il-proceduri ghadhom ghaddejin ghalkemm huwa veru li jidher li l-attur ma kienx lest minn kollox mix-xogholijiet li suppost kellu jaghmel. Tichad ukoll din l-eccezzjoni.

Dwar il-mertu irrizulta li hu dovut l-ammont ta' Lm3887 u ghalhekk tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hlas u tillikwida l-ammont dovut fis-somma ta' Lm3887.

Fil-kors tat-trattazzjoni l-konsulent legali tal-attur talab li ghandu jigi kalkulat l-imghax fuq l-ammont likwidat u dan mill-bidu. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni ghal dawn ir-ragunijiet:

1. L-attur ma talabx il-hlas tal-imghax fic-citazzjoni u allura ma jistax jghaddi imghax hlief mid-data tas-sentenza;
2. Il-principju li ***in illiquidis non fit mora*** ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Ara f' dan is-sens **Anthony Buhagiar pro et noe vs Edward Scerri – App Civili Superjuri tat-30/03/2001,**

**Strati vs Boselli – 18/10/1909, Mallia Tabone Utrinque – 8/12/1903, William Sare` vs Carmel sive Charles Sammut – Appell 29/05/1988**.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi wara li l-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif issemma hawn fuq, tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm3887 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm3887.

Spejjez tlett kwarti ghall-konvenut u kwart ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------